

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fawwara

Kitba ta'
Chev. Mario Coleiro OSJ

Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fawwara hija propjetà tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità fil-knisja ta' San Pawl Nafragu fil-Belt Valletta. Din il-knisja ċkejkna tinsab fil-post imsejjaħ il-Fawwara fil-limiti tas-Siġġiewi. Din għandha storja ħelwa fuq il-bidu tagħha. Jingħad li ċerta Ġiloroma Ciantar li kellha l-artijiet tagħha f'dawn l-inħawi kienet għamlet wegħda mal-Madonna li jekk in-nixxiegħa tal-ilma li kellha fil-propjetà tibqa' tfawwar, kienet ser tibni din il-knisja.

Fiż-żmien li qed insemmu Malta kienet milquta min-nixfa kbira u għalhekk ħafna nixxiegħat tal-ilma naturali kienu nixfu kompletament b'konsegwenza li bdew imutu l-uċuħ tar-raba' u l-bhejjem. Il-poplu kien batut ħafna minħabba n-nuqqasijiet li kkawżat din in-nixfa.

Ġiloroma kienet titlob lill-Madonna b'ħerqa kbira biex l-art tagħha ma tispiċċax niexfa ukoll u meta rat li n-nixxiegħa li kellha kienet qiegħda tinxef din wegħdet lill-Madonna knisja fuq l-istess nixxiegħa.

B'għaġeb ta' kulħadd in-nixxiegħa reġgħet bdiet tfawwar u mhux talli saqqiet l-art tal-madwar imma kienu ħafna dawk li kienu jiġu jixorbu minnha u jisqu lill-bhejjem tagħhom. Ġiloroma żammet kelmitha u wettqet il-wegħda li kienet għamlet u fl-1616 bniet din il-knisja ħelwa u iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

Il-knisja fiha arkitettura sabiħa ħafna kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Magħha għandha binja li kienet tintuża mis-saċerdot li jieħu ħsiebha. Fuq il-bieb prinċipali naraw l-arma tal-kunjom Ciantar li hija kunjom il-benefattriċi tagħha.

Fiha koppla ċkejkna u kampnar żgħir b'qanpiena waħda li sfortunatament riċentament insterqet. Minn ġewwa l-knisja hija ħelwa ħafna l-prospettiva tal-artali fiha lavur sabiħ u skultura tajba.

Il-kwadru titulari juri lill-Madonna tal-Karmnu fin-nofs fuq is-sħab u fil-ġnub naraw lil Santa Katerina ta' Lixandra u lil San Ġlormu li huwa il-qaddis tal-benefattriċi. Fil-parti t'isfel tal-istess kwadru naraw żewġ erwieħ tal-purgatorju libsin ta' fratelli.

Illum din il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u xi kultant tintuża għall-quddiesa wkoll. Il-Konfraternità tal-Karità għadha tieħu ħsieb din il-knisja u żżommha fi stat tajjeb u funzjonabbli.



Il-post fejn qiegħda din il-knisja huwa wieħed mill-postijiet veru pittoreski f'pajjiżna u binja bħal din il-knisja tkompli issebbaħ l-ambjent tal-madwar u toħloq xenarju tipikament Malti.